MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Numru. 223/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**CARMELO BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmelo Borg ta’ 48 sena, bin John u Antonia nee’ Camilleri, mwieled Zabbar fil- 11 ta’ Dicembru 1962, residenti 13 Flat 2, Sqaq San Vincenza, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 21663M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- lejl ta’ bejn it- 22 u t- 23 ta’ Jannar 2011 f’ diversi hinijiet f’ dawn il- Gzejjer assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’ Malta jew barra minn Malta bil- ghan li jaghmlu delitt ta’ serq li ghalih hem mil- piena ta’ prigunerija kif ukoll kien komplici ma’ persuna jew persuni ohra f’ delitt ta’ serq u ghen jew assista lill- istess persuna jew persuni fl- atti li bihom id- delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

1) Aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi kkommetta serq ta’ flus kontanti u lap top tal- marka MSI ta’ valur li jeccedi €232.94 izda inqas minn €2329.37 minn gewwa 31, Flat 3, Triq San Tumas, Floriana, liema serq huwa kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- valur, bil- lok u bil- hin ghad- detriment ta’ George Falzon ta’ 62 sena, detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 1079648M;

2) Aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, bla ordni skont il- Ligi tal- Awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil George Falzon ta’ 62 sena kontra l- volonta tieghu, jew ta l- post biex fih din il-persuna giet arrestata, mizmuma jew issekwestrata liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il- persuna, liema offiza giet maghmula jew saret flimkien ma’ xi xorta ta’ torture, jew imhedda bil- mewt, bil-hsiebt ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex dik il- persuna tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta’ hwejjigha;

3) U aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ George Falzon ta’ 62 sena u ghalhekk li ghalqet l- eta’ ta’ 60 sena, f’ periklu car, ikkagunalu griehi ta’ natura hafifa;

4) U aktar talli fl- istess zmien laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b’ qerq jew akkwistata b’ reat, u/jew xjentement b’ kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

5) U aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi hebb kontra George Falzon ta' 62 sena biex jingurjah jew idejqu;

6) U aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi ingurja jew hedded George Falzon ta' 62 sena;

7) U aktar talli b' hekk rrenda ruhu recidiv b' sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati Malta kif preseduta mill- Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D nhar id- 29 ta' Settembru 2008 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali, datata 17 ta' Lulju 2011, fejn gew indikati l-Artikoli tal-Ligi li kienu applikabbli ghal dan il-kaz;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju tal-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu fil-qosor s-segwenti. L-imputat kellu relazzjoni mal-vittma, George Falzon, xi ftit taz-zmien ilu, liema relazzjoni kienet izda spiccat. Fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Jannar, 2011, l-

imputat dahal fir-residenza ta’ Falzon flimkien ma’ terz, u dawn hatfu lil Falzon u rabtuh, serqu ammont ta’ flus, u aggredewh. Ghalkemm kienu mghammdin, Falzon gharaf lill-imputat, li fit-taqbida u l-aggressjoni fuq Falzon, spicca biex gidmu u hallielu marka. Di fatti, din kienet prova ohra kontra l-imputat li giet stabbilita mill-esperti forensici.

Il-Qorti kellha okkazjoni tisma’ l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni, u anke minghajr l-ammissjoni tal-imputat – liema ammissjoni kienet saret sahansitra fl-istqarrija tieghu – ukoll kien ser jinstab hati ta’ dan ir-reat. Ghall-fini ta’ piena, tenut kont lid an ir-reat kien wiehed serju, u tenut kont li l-imputat huwa recidiv, il-Qorti sejra taghti piena ta’ prigunerija effettiva, li ma tistax tkun vicin tal-minimum minhabba fir-ragunijiet hawn moghtija.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 42 u 48A, 261 (a), (b), (c), (e) u (f), 262 (1) (a), 263 (a) u (b), 264 (1), 265, 267, 269 (g), 270, 274 (c), 275, 276A, 277(b), 280 (2) u (3), 281 (b), 86, 87 (1) (c)u (e), 88, 214, 221(1), 222A, 334 (a), 339 (1) (d) u (e), 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------